MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1683/1995/1

**Anthony sive Ninu Portelli**
**Vs**
**Joseph u Carmen konjugi Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab:

Peress li l-attur huwa kreditur fil-konfront tal-konvenuti fis-somma ta’ elf seba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm1,775) rappresentanti self “brevi manu” maghmul lill-istess konvenuti f’diversi dati.

U peress li l-konvenuti interpellat diversi drabi biex ihallsu s-somma fuq imsemmi baqghu inadempjenti.

Jghid il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex

1. prevja d-dispensa mis-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta’ l-affidavit ta’ l-attur.

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ elf seba’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm1,775) rappresentanti self “brevi manu” lilu maghmul

Bl-ispejjes komprisi dawk ta’ l-ittra interpellatorja ta’ 11 ta’ Ottubru u fl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux talli s-somom kollha li gew mislufa mill-attur gew restitwiti bl-imghaxijiet b’kollox mill-eccipjent Joseph Grima izda talli l-istess eccipjent hallas ferm aktar minn dak legalment dovut minnu, u dana billi l-attur kien jitlob minghand l-istess eccipjent imghaxijiet li jeccedu b’mod ezorbitanti l-limiti permessi mil-ligi, kif ser jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza; inoltre, matul iz-zmien tas-self in kwestjoni, l-istess eccipjent ghamel xoghol ta’ plumbing u xogholijiet ohra lill-attur li ghalihom ma thallasx minhabba l-obbligazzjoni li dak iz-zmien kellu mal-attur, u dana kif ukoll ser jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u b’riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-eccipjenti kontra l-attur ghar-rifuzjoni tal-ammonti zejda li thallsu lill-istess attur u ghax-xoghol maghmul lill-istess attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti tal-konvenuti, l-prestitu huwa null stante illi dan sar biss bil-kunsens tal-konvenut Joseph Grima u minghajr il-kunsens tal-konvenuta Carmen Grima u ghalhekk dan l-att t’amministrazzjoni

staordinarja ma giex kontrattat skond il-ligi, ai termini ta’ l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili – Kap. 16 tal-Ligijiet.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minghand il-konvenuti r-rifuzjoni tas-somma ta’ Lm1,1775 allegatament mislufa brevi manu lill-konvenut Joseph Grima li naha tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li huwa m’ ghandu jaghti xejn lill-attur; u dana stante li hu hallas l-ammont kollu misluf lilu, oltre l-imghaxijiet in eccess tal-limitu impost mill-ligi, kif ukoll ghamel xoghol fuq inkarigu tal-istess attur. Il-konvenut qed isostni li b’ kollox huwa hallas lill-attur is-somma ta’ Lm2,025 oltre Lm250 prezz ta’ xoghol dovut lilu mill-attur – b’ kollox Lm2,275. Il-konvenuti qed jeccepixxu wkoll li, stante li dan is-self sar mill-konvenut Joseph Grima ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-konjugi tieghu, il-konvenuta Carmen Grima, allura “dan l-att ta amministrazzjoni straordinarja ma giex kontrattat skond il-ligi ai termini tal-Artikolu 1322 tal-Kap.12” u ghalhekk huwa null[Fol.109].

Illi, apparti mix-xhieda tieghu, l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq zewg ricevuti ffirmati mill-konvenut Joseph Grima. Fl-ewwel ricevuta [Dok.A Fol.21] li ggib id-data 3 ta’ April 1995 hemm imnizzel hekk; “Ninu Portelli qed nislef somma ta’ 800 [ingassata] Lm1075 lill Joseph Grima …. Jithallsu 30 ta’ Marzu 1995. Bla imghax” Taht din il-kitba hemm korrezzjoni inizjalata fid-data. Fit-tieni ricevuta [Dok.B Fol.22] li ggib id-data 19 ta’ Gunju 1995 hemm dikjarat u ffirmat mill-konvenut Joseph Grima li huwa ghandu jaghti lill-attur is-somma ta’ “seba mija 700 lil Ninu Portelli jekk ma jithallsux li max [l-imghax] 24.6.95 jehel multa ta’ ghaxar liri kuljum.”

Minn naha tieghu l-konvenut Joseph Grima, isostni li ghamel diversi pagamenti lill-attur.

Illi din il-Qorti wara ezami tal-atti u wara li hadet in konsiderazzjonijiet iz-zewg versjonijiet kontradittorji tal-partijiet, tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

Illi, ghalkemm il-konvenut Joseph Grima fl-affidavit tieghu ta spjegazzjoni dettaljata tal-flus li huwa kien ta lill-attur bhala pagamenti ghas-sommom mislufa lilu, dana ma gab ebda prova ulterjuri in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Lanqas ma gab prova tal-pagament ta' Lm220 maghmul, skond il-konvenut, permezz ta' cheque. Huwa strah biss fuq l-allegazzjoni tieghu nuda u kruda. Issa l-Qorti tifhem li, f' kazijiet ta' self ta' flus brevi manu, akkompanjat b' imghax ezorbitanti, min isellef il-flus ma jkunx propens li jghati ricevuta tal-ammonti kollha mhallsa lilu; izda minn naha l-ohra, il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz ma jidhirx li kien hemm xi ostakolu, ghall-attur li f' kaz ta' pagamenti johrog ricevuti almenu sal-ammonti dikjarati fid-dokumenti A u B ezebiti minnu u ffirmati mill-konvenut.

Illi din il-mankanza fil-provi da parti tal-konvenut iddghajjef serjament il-fatt minnu allegat li huwa kien ghamel diversi pagamenti lill-attur. Wara kollox kien fl-interess tieghu li l-konvenut jitlob u jesigi li qabel ma jkompli jhallas lill-attur, dana jaghtih xi forma ta' ricevuta, imqarr ghall-ammont inferjuri minn dak minnu mhallas. F' dan il-kaz il-konvenut ma pprezenta ebda dokument indikanti li sar xi pagament minnu lill-attur. Jigi osservat li huwa l-oneru tal-konvenut li jipprova l-fatt tal-pagament minnu allegat u dan fuq l-istregwa tal-massima onus probandi ei qui dicit non ei qui negat. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ghax-xoghol ta' plumbing allegatament maghmul mill-konvenut fuq inkarigu tal-attur u li fl-eccezzjonijiet tieghu dan il-konvenut qal li "dan wkoll ser jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza". Anki f' dan ir-rigward il-provi tal-konvenut huma insodisfacenti, u addirittura mankanti ghajr l-allegazzjoni guramentata tieghu.

Illi in vista tal-premess il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti ma jsibux sostenn fil-provi.

Illi stabbilit il-premess u cioe' li ma giex provat li saru pagamenti mill-konvenuti lill-attur, jehtieg issa li jigi ezaminat jekk l-attur gabx provi sodisfacenti dwar l-ammont minnu mitlub.

In propositu l-Qorti hi tal-fehma li mill-provi jirrizulta sodisfacentment li l-ammont ta' Lm1,075 indikat fid-dokument A jinkorpora fih imghax in eccess ta' dak permess mill-ligi. F' dan ir-rigward it-tesi konvenuta li dan l-ammont jinkorpora fih is-somma ta' Lm275 imghax illegali hija verosimili u anke korroborata mill-kitba fl-istess dokument. L-attur spjega li din is-somma tirrapprezenta self ulterjuri li sar wara li saret il-kitba tat-3 ta' April 1995. Il-Qorti tosserva li, apparti mill-inverosmiljanza kbira li l-attur sellef flus bla imghax, il-fatt li l-figura ta' L1075 qeda miktuba ezatt hdejn il-figura ingassata ta' 800, dan il-fatt jiffavorixxi t-tesi tal-konvenut u cioe' li inizjalment tnizzlet is-somma ta' 800 u fl-istess okkazzjoni, dak il-hin stess wara ripensament da parti tal-attur, tnizzlet il-figura ta' L1075 inkorporanti l-imghax, biex b' hekk l-imghax eccessiv ma jigix dikjarat. Aliter, kieku l-figura L1075 tnizzlet fil-margini jew x' imkien iehor vicin il-figura 800, f' liema kaz it-tezi li l-figura giet rrangata wara li nkitbet dik id-dikjarazzjoni kien ikollha certu validita'.

Illi apparti il-konsiderazzjoni premessa anke l-inkonsistenza fix-xhieda tal-attur f' dan ir-rigward timmilita kontra tieghu. In fatti fid-deposizzjoni tieghu tad-29 ta' Ottubru 1997 quddiem din il-Qorti, l-attur ma setghax jghati spjegazzjoni ghal-fatt li l-figura ta' 800 giet ingassata, u kellu jitlob lil Qorti sabiex tikkoncedilu differiment biex jara d-dokument flimkien mal-Avukat tieghu u jaghti spjegazzjoni f' seduta ohra. Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li fuq id-dokument A l-attur fil-fatt kien selef lill-konvenut is-somma ta' LM800 [fatt ammess mill-istess konvenut] u mhux is-somma ta' Lm1,075.

Illi rigward it-tieni kitba li ggib id-data tas-19 ta' Gunju 1995, [B] il-Qorti tosserva li jirrizulta li l-attur kien silef lill-konvenut is-somma ta' Lm700, u, ghalkemm il-kliem kif giet redatta din il-kitba huwa certament infelici, izda din wkoll giet iffirmata mill-konvenut, u ma hemmx raguni

valida ghaliex din il-Qorti ghandha tiskarta din il-prova dokumentarja.

Illi in vista tal-premess il-Qorti tikkonkludi li mill-provi rrizulta sodisfacentement li l-ammonti mislufa mill-attur lill-konvenut u li ghadhom dovuti mill-konvenut Joseph Grima huma ta’ Lm800 u Lm700; b’ kollox Lm1,500

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri l-konvenuti ssollevaw li t-transazzjoni odjerna hija nulla peress li l-konvenuta Carmen Grima ma kienitx tat il-kunsens taghha ghal dan id-dejn konsiderat bhala “att ta’ amministrazzjoni straordinarja”.

In propositu l-Qorti tosserva li jirrizulta sodisfacentement provat li l-konvenuta la kienet taf b’ dan id-dejn li kien ghamel zewgha, u wisq anqas ma tat il-kunsens sabiex jigi kontrattat. In propositu l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza Joseph Grech vs Mary u Martin Debattista [2000][Vol.LXXXIV.II.487] osservat li filwaqt li att ta’ amministrazzjoni ordinarja tmiss lil kull wiehed mill-konjugi, atti ta’ amministrazzjoni straordinarja jmissu lill-konjugi flimkien [Art.1322]. Fil-kaz in dizamina ma jirrizultax li s-self maghmul mill-konvenut, minghajr il-kunsens tal-mara tieghu, jaqa’ fit-termini tal-Art.1322[2][f] tal-Kap.16 u ghaldaqstant jikkwalifika bhala att ta’ amministrazzjoni straordinarja. Izda b’ daqshekk ma jfissirx li t-transazzjoni hija nulla kif qed jippretendu l-konvenuti, imma jfisser li, apparti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 1329, dan id-dejn ma jistax jitqies bhala passiv tal-komunjoni tal-akkwisti izda ghandu jigi sopportat mill-konvenut wahdu mill-proprjeta’ parafernali tieghu. Ghal konvenuta dan is-self huwa res inter alios acta, u li ghalhekk ma tistax tinzamm civilment responsabbli ghar-rifuzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta’ elf u hames mitt lira maltin [Lm1,500] u tikkundanna lill-konvenut Joseph Grima jhallas lill-attur din is-somma. Tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez ghandhom jigu

sopportati in kwantu ghal kwint [1/5] mill-attur, u r-rimanenti [4/5] jkunu a kariku tal-konvenut Joseph Grima.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------